MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 888/2006

**Maltacom plc**

**Vs**

**Mamo Romina et**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi illi kien gie pprezentat fid-9 t'Ottubru, 2006 fejn is-socjeta` attrici qieghda titlob li tithallas is-somma ta' mitejn u zewg liri (Lm202.00) minghand il-konvenuti solidament bejniethom kif jirrizulta rapprezentanti mid-dokumenti esebiti bhala Dok A, Dok B, Dok C, Dok D u Dok E.

It-Troibunal sema' lill-konvenuta Tessie Azzopardi bil-gurament taghha tixhed fis-seduta tal-lum fejn kkonfermat li l-ammont fil-fatt huwa dovut minnha u mill-konvenuta Romina Mamo li tigi bintha u di fatti diga waslu fi ftehim mas-socjeta` attrici li jhallsu dan l-ammont permezz ta' pagamenti mensili ta' ghoxrin lira.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi fuq ammissjoni ta’ l-istess konvenuta Tessie Azzopardi jiddikjara illi s-somma ta’ mitejn u zewg liri (Lm202.00) huma dovuta mill-konvenuti u kwindi qieghed jikkundanna lill-istess konvenuti biex ihallsu s-somma hawn mitluba lis-socjeta` attrici bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tan-notifika ta’ dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza a karigu ta’ l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------